

31991D0152

L 75/56

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

21.3.1991

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tat-18 ta' Marzu 1991****dwar in-notifikazzjoni ta' l-applikazzjoni mill-Komunità tal-Ftehim Internazzjonali ta' l-1989 dwar il-Juta u l-Prodotti magħmula mill-Juta**

(91/152/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 113 u 116 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi l-Ftehim Internazzjonali ta' l-1989 dwar il-Juta u l-Prodotti magħmula mill-Juta ⁽¹⁾ kien iffirmit mill-Komunità u l-Istati Membri tagħha fl-20 ta' Diċembru 1990;

Billi l-Istati Membri kollha urew l-intenzjoni tagħhom li japplikaw il-Ftehim;

Billi l-Komunità u l-Istati Membri tagħha għandhom javżaw lis-Segretarju-Ġenerali ta' l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti li huma bi ħsiebhom japplikaw il-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, wara t-tkomplija tal-proċeduri interni neċessarji, għandhom, javżaw lis-Segretarju-Ġenerali ta' l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti li huma se japplikaw il-Ftehim Internazzjonali dwar il-Juta u l-Prodotti magħmula mill-Juta (1989), bħala membri li jimpurtaw, meta dan jidħol fis-seħħ bi qbil ma' l-Artikolu 40(3).

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jinnomina l-persuni bil-poter li jwassal l-istrument ta' notifikazzjoni fsem il-Komunità Ekonomika Ewropea.

Magħmula fi Brussel, fit-18 ta' Marzu 1991.

*Fisem il-Kunsill**Il-President*

J.-C. JUNCKER

(¹) ĠU L 29, ta' l-4.2.1991, pġ. 4.